# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' April 2017**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 596/2015/LSO**

**Abdallah Mohamed A. Alahmar u martu Maria Anatolievna Alahmar proprio u bhala kuraturi *ad litem* ta' uliedhom minuri Abdalla Mohammed Alamar u Saphia Al Amar Mohamed Abdalla u Adam Al-Amar**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Abdallah Mohamed A. Alahmar et datat 18 ta’ Gunju 2015 fejn esponew: -

Illi meta r-rikorrent twieled fi Tripli, fil-Libya fis-17 ta' Ottubru 1975 ismu u kunjomu gew indikati fic-certifikat tat-twelid tieghu emess fil-Libya bhala Abdallah Mohamed A. Alahmar (Dok.A).

Illi pero' meta l-passaport tal-esponent gie emess mill-awtoritajiet kompetenti Libjani t-traduzzjoni mill-Gharbi ghall-Ingliz tac-certifikat tat-twelid tieghu kien zbaljat *stante* li l-isem u l-kunjom tal-esponent tnizzel fil-passaport tieghu bhala 'Abdalla Mohamed A. Al-Amar' mentri kellu jigi indikat bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar.' (Dok.B).

Illi fl-4 ta' Dicembru 2007 ir-rikorrenti zzewgu u kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg tal-konjugi li jgib in-numru progressiv ta' 2291 tal-2007 (Dok.C) fil-kolonna intestata 'Taghrif Dwar ir-Ragel Mizzewweg', b'referenza ghal 'Isem u kunjom' l-esponent, ismu u kunjomu huma indikati bhala 'Abdalla Mohamed Alamar' mentri messhom gew indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar'. Inoltre fl-istess kolonna, pero' b'referenza ghall-isem u kunjom missier l-esponent, isem u kunjom missier l-esponent huma indikat bhala 'Mohamed Alamar' mentri messhom gew indikati bhala 'Mohamed Alahmar'. Imbaghad f’dik il-parti tal-Att taz-Zwieg tal-konjugi riferit bhala 'Firma tar-Ragel' huwa indikat li l-esponent jismu 'Abdalla Mohamed Alamar' mentri messu gie indikat li jismu 'Abdallah Mohamed A. Alahmar'.

Illi fit-18 ta' Novembru 2008 twieled iben il-konjugi u kif jirrizulta mill-Att tat-twelid ta' binhom li jgib in-numru progressiv ta' 4118 tal-2008 (Dok. D) fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar Missier it-tarbija', b'referenza ghal 'Isem u kunjom' tal-esponent, l-isem u l-kunjom tal-esponent huma indikati bhala 'Abdalla Mohamed Alamar' mentri messhom kienu indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar.' *In oltre* fl-istess kolonna, pero' b'referenza ghal 'Taghrif dwar l-Omm, relattivament ghal 'Isem u kunjom' tal-esponenti, isem u konjom tal-esponenti gew indikati bhala 'Maria Anatolievna Alamar nee` Tatarchenko wife of said Abdalla Mohamed Alamar' mentri messhom gew indikati bhala 'Maria Anatolievna Alahmar nee' Tatarchenko wife of said Abdallah Mohamed A. Alahmar'. Imbaghad fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', il-kunjom ta' bin r-rikorrenti huwa indikat bhala 'Alamar' mentri messu gie indikat bhala 'Alahmar'. Barra minn hekk, fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet', il-kunjom ta' missier l-esponent huwa indikat bhala 'Alamar' mentri messu gie indikat bhala 'Alahmar'. Imbaghad fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar it-tarbija' b'referenza ghal 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', il-kunjom ta' bin r-rikorrenti huwa indikat bhala 'Alamar' mentri messu gie indikat bhala 'Alahmar'. Fl-ahharnett f'dik il-parti tal-Att tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti riferit bhala 'Firma tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni', l-isem u l-kunjom tal-esponent huma indikati bhala 'Mohamed Abdalla Alamar' mentri messhom gew indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar'.

Illi fid-9 ta' Mejju 2014 twieldet bint r-rikorrenti kif jirrizulta mill-Att ta' Twelid taghha li jgib in-numru progressiv ta' 2193 tal-2014 (Dok. E) u fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar it-tarbija', b'referenza ghal 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha', l-ismijiet ta' binthom gew indikati bhala 'Saphia Al Amar Mohamed Abdalla' mentri messhom gew indikati bhala 'Saphia Alahmar'. *In oltre* fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar Missier it-tarbija', b'referenza ghal 'Isem u konjum' l-esponent, isem u kunjom l-esponent gew indikati bhala 'Abdalla Al Amar Mohamed Abdalla' mentri messhom gew indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar.' Apparti dan, fl-istess kolonna intestata 'Taghrif dwar l-Omm', b'referenza ghal 'Isem u kunjom' l-esponenti, l-istess huma indikati bhala 'Maria Al Amar nee' Tatarchenko wife of said Abdalla Al Amar Mohamed Abdalla' mentri messhom gew indikati bhala 'Maria Alahmar nee' Tatarchenko wife of said Abdallah Mohamed A.Alahmar'. Imbaghad fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet' il-kunjom ta' missier l-esponent huwa indikat bhala 'Al Amar', mentri messu gie indikat bhala 'Alahmar'. Fl-ahharnett, b'referenza ghal dik il-parti tal-Att tat-Twelid relattiv fejn hemm indikat 'Il-firma tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni' jirrizulta li isem u kunjom l-esponent huma indikati bhala 'Abdalla Al Amar Mohamed Abdalla' mentri messhom gew indikati bhala ‘Abdallah Mohamed A. Alahmar'.

Illi fit-8 ta' Novembru 2016 twieled lil konjugi tifel li jismu Adam Al-Amar u kif jidher fl-Att tat-Tweiid tieghu li jgib in-numru progressiv ta' 6597 tal-2016 mentri kunjom il-minuri messu gie indikat bhala "Alahmar". *In oltre* isem missier it-

tarbija gie indikat bhala "Abdalla Mohamed A. Al-Amar" mentri messu gie indikat bhala "Abdallah Mohamed A. Alahmar" filwaqt li isem omm l-minuri gie indikat bhala "Maria Anatolievna Al-Amar nee' Tatarchenko wife of the said Abdalla Mohamed A. Al-Amar" mentri messu gie indikata bhala "Maria Anatolievna Alahmar nee' Tatarchenko wife of the said Abdallah Mohamed A.Alahmar". Fl-ahharnett il-kunjom ta' missier ir-rikorrent gie indikat bhala "Al-Amar" mentri messu gie indikat bhala "Alahmar".

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-konvenut biex:-

1. Fl-Att taz-Zwieg taghhom li jgib in-numru progressiv ta' 2291 ta l-2007 fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar ir-Ragel Mizzewweg', b'referenza ghal 'Isem u kunjom' l-esponent, ismu u kunjomu jigu indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Abdalla Mohamed Alamar' filwaqt li fl-istess kolonna pero' b'referenza ghal l-isem u l-kunjom ta' missier l-esponent, l-isem u l-kunjom ta' missier l-esponent ghandhom jigu indikati bhala 'Mohamed Alahmar' minflok 'Mohamed Alamar' u fit-tielet lok, f' dak li jirrigwarda dik il-parti tal-Att taz-Zwieg' riferita bhala 'Firma tar-ragel' ghandhom jigu indikat l-isem 'Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Abdalla Mohamed Alamar'.

2. Fl-Att ta' Twelid ta' iben l-esponenti li jgib n-numru progressiv ta' 4118 tal-2008 fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar it-tarbija b'referenza ghal 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', il-kunjom ta' bin l-

esponenti jigi indikat bhala 'Alahmar' minflok ' Alamar', fit-tieni lok, fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar Missier it-tarbija' b'referenza ghal 'Isem u kunjom' l-esponent, l-istess jigu indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Abdalla Mohamed Alamar', fit-tielet lok, fl-istess kolonna pero' b'referenza ghal 'Taghrif dwar l-Omm', relattivament ghal 'Isem u kunjom' l-esponenti, isem u kunjomha jigu indikati bhala 'Maria Anatolievna Alahmar nee' Tatarchenko wife of said Abdallah Mohamed A.Alahmar' minflok 'Maria Anatolievna Alamar nee' Tatarchenko wife of said Abdalla Mohamed Alamar', fir-raba' lok, fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet', il-kunjom ta' missier l-esponent ghandu jigi indikat bhala 'Alahmar' minflok 'Alamar' u fl-ahharnett f' dik il-parti tal-Att ta' Twelid ta' bin ir-rikorrenti riferit bhala 'Firma tal-persuna li taghmel d-dikjarazzjoni', l-isem u l-kunjom tal-esponent ghandu jigi indikat bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Abdalla Mohamed Alamar'.

3. Fl-Att tat-Twelid ta' bint l-esponent li jgib in-numru progressiv ta' 2193 tal-2014 fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar it-tarbija', b'referenza ghal 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', isem u kunjom bint r-rikorrenti ghandu jigi indikat bhala 'Saphia Alahmar' minflok 'Saphia Al Amar Mohamed Abdalla', fit-tieni lok, fil-kolonna intestata 'Taghrif dwar missier it-tarbija' b'referenza ghal 'Isem u kunjom' l-esponent, ismu u kunjomu ghandhom jigu indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Abdalla Al Amar Mohamed Abdalla', fit-tielet lok, fl-istess kolonna intestata 'Taghrif dwar l-Omm', b'referenza ghal 'Isem u kunjom' l-esponenti, l-

istess ghandhom jigu indikati bhala 'Maria Alahmar nee' Tatarchenko wife of said Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Maria Al Amar nee' Tatarchenko wife of said Abdalla Al Amar Mohamed Abdalla', fir-raba` lok fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet', isem u kunjom missier l-esponent ghandu jigi indikat bhala 'Mohamed Alahmar' minflok 'Mohamed Al Amar' u fil-hames lok, b'referenza ghal dik il-parti tal-Att ta' Twelid relattiv, fejn hemm indikat 'Il-firma tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni', isem u kunjom l-esponent ghandhom jigu indikati bhala 'Abdallah Mohamed A. Alahmar' minflok 'Abdalla Al Amar Mohamed Abdalla'.

4. Fl-att tat-Twelid tal-minuri progressivament numerat 6597/2016, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi indikat bhala “Alahmar”, minflok “Al-Amar”, l-isem ta' missier il-minuri ghandu jigi ndikat bhala “Abdallah Mohamed A. Alahmar” minflok “Abdalla Mohamed A. Al-Amar”, isem omm il-minuri ghandu jigi indikat bhala “Maria Anatolievna Alahmar nee' Tatarchenko wife of the said Abdallah Mohamed A. Alahmar” minflok “Maria Anatolievna Al-Amar nee' Tatrachenko wife of the said Abdalla Mohamed A Al-Amar” u l-konjom ta' missier ir-rikorrent ghandu jigi indikat bhala “Alahmar” minflok “Al-Amar”.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Ottubru 2015 (fol 20) fejn Dr Mariella

Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi *in vista* tal-fatt li qieghed jigi mitlub mir-rikorrenti emendi fl-Atti tat-Twelid tal-minuri, l-esponenti teccepixxi li huwa indispensabbli ghall-beneficcju ta' l-integrita` tal-gudizzju, li jigu kjamati fil-kawza il-minuri ikkoncernati u cioe' Mohammed Alamar u Saphia Al Amar Mohamed Abdalla sabiex il-genituri taghhom ikunu jistghu jirrapprezentawhom *ai termini* ta' Artikolu 781 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti teccepixxi illi jkun opportun li r-rikorrent jipprezenta traduzzjoni tal-Att tat-Twelid tieghu li huwa stess annetta mar-rikors guramentat;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' kunjom fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv ta' elfejn,

mitejn, wiehed u disghin (2291) tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fl-Att ta' Twelid ta' Mohammed, iben ir-rikorrenti, li jgib n-numru progressiv ta' erba' t'elef, mija u tmintax (4118) tas-sena elfejn u tmienja (2008), u kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' Saphia, bint ir-rikorrenti li jgib in-numru progressiv ta' elfejn, mija, tlieta u disghin (2193) tas-sena elfejn u erbatax (2014), salv pero` li hija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ta' dawn l-izbalji u dan tenut kont tal-fatt li kien ir-rikorrent stess, Abdallah Mohamed A. Alahmar, li kien ghamel id-dikjarazzjonijiet fuq l-Atti tat-Twelid tal-minuri Mohammed u Saphia, u kien hu wkoll flimkien mar-rikorrenti Maria Anatolievna Alahmar li kienu ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta fl-Att taz-Zwieg taghhom hija wahda korretta;

6. Illi bla hsara ghall-premess, mid-dokumenti li l-esponenti ghandha fil-pussess taghha jirrizultaw dawn id-diskrepanzi:

i) Illi rigward id-dettalji tar-rikorrent Abdallah Mohamed A. Alahmar u tal-genituri tieghu fuq l-Att taz-Zwieg tieghu datat sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) jigi sottomess illi d-dettalji tnizzlu skont ma rrizultaw fl-Att tat-Twelid tieghu mahrug mill-'Konsulat ta' Malta gewwa Tripoli' fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) (anness bhala Dok A), li kien gie sottomess minnu fil-punt li talab ghall-publikazzjoni tat-tnidijiet. Illi bhala stat ta' fatt fuq dan l-Att tat-Twelid li kien ipprezenta f'dak il-punt (Dok A anness), isem ir-rikorrent jinsab indikat bhala *'Abdalla Mohamed Alamar'* filwaqt li kunjomu huwa indikat bhala *'Alamar',* waqt li missieru jinsab indikat bhala

*'Mohamed Alamar'* u ommu tinsab indikata bhala *'Fatma Rahouma'.* Dan l-Att tat-Twelid jirreferi wkoll ghall-Att tat-Twelid iehor (anness bhala Dok B), li kien gie mahrug mill-Teople's Bureau of The Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya in Malta' fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), li kien gie wkoll sottomess mir-rikorrent dak iz-zmien, fejn isem u kunjom ir-rikorrent huma mmarkti bhala *'Abdalla Mohamed A. Al-Amar',* filwaqt li missieru jinsab indikat bhala *'Mohamed A. Al-Amar'* u ommu bhala *'Fatma Sdrebani Elhuma';*

ii) Illi b'zieda ma' dan, f'dak il-punt ir-rikorrent kien anke pprezenta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007), kopja tal-Passaport tieghu li kien mahrug fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) fejn isem u kunjom ir-rikorrent jinsabu indikati bhala *'Abdalla Mohamed A. Al-Amar'* (anness bhala Dok C);

iii) Illi anke fuq il-Permess ghal Residenza tar-rikorrent li kien gie pprezentat minghandu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007), isem u kunjom ir-rikorrent jinsabu indikati bhala *'Al Amar Abdalla Mohamed A. Al Amar'* (anness bhala Dok D);

iv) Illi fuq dokument li r-rikorrent kien ipprezenta mahrug minn The Libyan People's Bureau in Malta', fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema dokument kien jipprovdi li ma hemmx oggezzjoni li r-rikorrent jizzewweg lil Ms. Maria Tatarchenko, isem u kunjom ir-rikorrent jinsabu indikati bhala *'Abdalla Mohamed A. Al-Amar'* (anness bhala Dok E);

v) Illi mill-banda l-ohra fuq ic-Certifikat tas-'Social Status' tar-rikorrent, mahrug minn 'Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya, General People's Committee for Public Security, Civil Status Department, Bureau of Civil Registry,' fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), isem ir-rikorrent gie indikat bhala *'Abdalla Mohamed AL-Amar'* u kunjomu gie miktub bhala *'El Ahmar'* (anness bhala Dok F);

*In vista* tas-suespost, imkien f'dawn id-dokumenti ma jirrizulta li isem ir-rikorrent jinkiteb kif qieghed jigi allegat minnu.

7. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, isem u kunjom ir-rikorrent fuq l-Atti tat-Twelid ta' ibnu Mohammed kif ukoll ta' bintu Saphia, tnizzlu skont ma kienu jirrizultaw fuq id-dokument ta' identifikazzjoni li huwa kien ipprezenta fil-punt tan-notifika tat-twelid ta' uliedu. Maghdud ma' dan, kunjom uliedu fuq l-Atti tat-Twelid taghhom tnizzlu skont ma jirrizulta li gie ddikjarat kunjom missierhom, *stante* li *ai termini* ta' Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ulied fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom. Isem u kunjom ta' missier ir-rikorrent tnizzlu fuq dawn l-Atti tat-Twelid skont ma ddikjara r-rikorrent bhala dikjarant fuq l-Atti tat-Twelid rispettivi. *Stante* li l-Att tat-Twelid qabel ma jghaddi ghar-registrazzjoni jigi moghti lil min ikun ghamel in-notifika tat-twelid sabiex jiccekja li l-informazzjoni hija korretta u jiffirma l-Att. F'dan il-kaz, ir-rikorrent iffirma l-Att, b'dan li allura jidher illi accetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att innifsu;

8. Illi minghajr hsara ghall-premess, kull talba ghal tiswija ta' registrazzjoni ghandha tinkludi ukoll talba sabiex *"il-bdil effetwat fl-Att tat-Twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattivi taghhom"* u dan a tenur tal- Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

10. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 11 ta’ Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Leo Bencini ghall-attur prezenti. Dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat.

Il-Qorti fuq talba ta’ Dr Bencini nnominat lil Nadia Lanzon a spejjez provizorji tar-rikorrenti, sabiex tittraduci l-atti kollha esebiti bil-lingwa Gharbija ghall-lingwa Maltija, u tirrelata b'rapport fir-Registru. Fuq talba tar-rikorrenti, mhux oppost, il-Qorti ordnat l-korrezzjoni tal-okkju billi wara l-ismijiet tar-rikorrenti jizdiedu l-kliem "proprio u bhala kuraturi *ad litem* ta’ uliedhom minuri Abdalla Mohammed Alamar u Saphia Al Amar Mohamed Abdalla". Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-21 ta' April 2016 fin-12:30p.m.

Rat id-digriet tal-21 ta' Marzu 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat korrezzjoni fir-rikors guramentat billi tizdied il-premessa gdida wara l-ahhar premessa fir-rikors u billi tizdied talba gdida Numru 4 fir-rikors guramentat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ April 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-attur. Id-difensuri qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2017 fid-9:30a.m.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' April 2017 fejn ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn hu mehtieg sabiex wara il-kliem "Saphia Al Amar Mohamed Abdalla" jigu mizjuda l-kliem "Adam Al-Amar".

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fit-22 ta' Gunju 2015 (fol 19), b'hekk it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent kif imnizzel fl-att taz-zwieg jigi korrett minn "Abdallah Mohamed Alamar" jigi sostitwit bl-isem "Abdallah Mohamed A. Alahmar". Qed jigi mitlub ukoll, li fl-att tat-twelid ta' uliedhom Mohammed, Saphia u Adam, jigi korrett l-isem tal-genituri kif imnizzel hemmhekk sabiex jirrifletti ismu korrett cioe` Abdallah Mohamed A. Alahmar.

It-tielet eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti awtorizzata b'digriet tal-11 ta' Frar 2016 (fol 41), ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Fir-rigward tal-kaz odjern, din il-Qorti hi fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna koncernata, specjalment meta jkun qed jintalab korrezzjoni fil-kunjom. Id-dokumenti ufficjali u c-certifikati esebiti mir-

rikorrenti jistghu jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop, il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha esebit a fol 51 sa 59 tal-process, debitament mahluf fl-20 ta' April 2016, jirrizulta s-segwenti informazzjoni.

Illi wara li gew tradotti d-dokumenti relevanti, fosthom, Dok A esebit a fol 5, gie konkjuz li t-traduzzjoni korretta tal-kunjom ghandha tkun "**ALAHMAR**". L-istess traduttrici, ssottolineat li, referibbilment ghall-kopja bl-Ingliz tal-passaport tar-rikorrent, dan jikkostitwixxi zball konsistenti fin-nuqqas tal-ittra H fil-kunjom, *stante* li minghajr ebda dubju l-kunjom tar-rikorrenti ghandu jigi tradott kif diga enuncjat hawn fuq "**ALAHMAR**".

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjoni tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti ghall-korrezzjonijiet mehtiega.

Illi jigi nnotat li l-kunjom tar-rikorrent huwa diversament indikat bhala Alamar, Al Amar u Al-Amar fic-certifikati esebiti li taghhom qed jintalab il-korrezzjoni fejn korrettement ghandu jkun Alahmar.

Izda, kkonsidrat, li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball peress ma jirrizultax li l-izball kien dovut ghal xi

ghemil tal-istess intimat. Dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Referibbilment ghal dak sottolineat fir-risposta tad-Direttur intimat, (fol 71), in segwitu ghar-rikors tar-rikorrenti, biex issir korrezzjoni wkoll fl-att tat-twelid tal-iben minuri tar-rikorrenti, jigi rilevat, li saret il-korrezzjoni fir-rikors guramentat, kif awtorizzata permezz ta' digriet tal-21 ta' Marzu 2017 (fol 74).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li fl-att taz-zwieg numru 2291 tas-sena 2007, fil-kolonna intestata "Taghrif dwar ir-ragel mizzewweg", l-isem u kunjom ir-rikorrent ghandhom jigu ndikati bhala "Abdallah Mohamed A. Alahmar" minflok "Abdalla Mohamed Alamar", filwaqt li fl-istess att, missier ir-rikorrent ghandu jigi ndikat bhala "Mohamed Alahmar" minflok "Mohamed Alamar", u fl-istess att, fejn hemm il-firma tar-ragel, "Abdalla Mohamed Alamar" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Abdallah Mohamed A. Alahmar."

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-att tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti bin-numru 4118 tas-sena 2008 fil-kolonna "Taghrif dwar it-tarbija", il-kunjom hemm imnizzel ghandu jkun "Alahmar" mhux "Alamar", u fl-istess att, fil-kolonna, "Taghrif dwar missier it-tarbija", l-isem "Abdalla Mohamed

Alamar" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Abdallah Mohamed A. Alahmar", fl-istess att, taht il-kolonna, "Isem u kunjom tal-Omm", ghandu jitnizzel "Maria Anatolievna Alahmar nee` Tatarchenko wife of said Abdallah Mohamed A. Alahmar", u fil-kolonna "Isem ta' missier it-tarbija u jekk hux haj jew mejjet", il-kunjom ghandu jkun indikat bhala "Alahmar" u fil-kolonna "Firma tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni", l-isem u l-kunjom ghandu jkun indikat bhala "Abdallah Mohamed A. Alahmar" mhux "Abdalla Mohamed Alamar".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-att tat-twelid ta' binthom bin-numru 2193 tas-sena 2014, jigi korrett fis-sens li fejn hemm "Taghrif dwar it-tarbija", l-isem "Saphia AlAmar Mohamed Abdalla" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Saphia Alahmar", u fl-istess att fil-kolonna "Taghrif dwar missier it-tarbija", ghandu jigi indikat bhala "Abdallah Mohamed A. Alahmar" minflok "Abdalla Alamar Mohamed Abdalla", fl-istess att, fil-kolonna "Taghrif dwar omm it-tarbija", ghandu jkun indikat bhala "Maria Anatolievna Alahmar nee` Tatarchenko wife of said Abdallah Mohamed A. Alahmar.", u fil-kolonna "Isem u kunjom tal-missier u jekk hux haj jew mejjet" il-kunjom ghandu jkun indikat bhala "Alahmar" u fejn hemm il-firma tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni, l-isem u l-kunjom hemm indikat ghandu jkun "Abdallah Mohamed A. Alahmar" mhux "Abdalla Mohamed Alamar".

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-att tat-twelid ta' binhom Adam bin-numru 6597 tas-sena 2016, kunjom il-minuri ghandu jkun indikat bhala "Alahmar", fl-istess att, fil-kolonna "Isem missier it-tarbija" jigi sostitwit b' "Abdallah

Mohamed A. Alahmar", u fl-istess att fil-kolonna "Isem u kunjom ta' omm it-tarbija" ghandu jigi indikat bhala "Maria Anatolievna Alahmar nee` Tatarchenko wife of the said Abdalla Mohamed A. Alahmar", u l-kunjom tal-missier f'kull fejn hemm referenza ghalih fl-istess att, ghandu jigi ndikat bhala "Alahmar" minflok "Al-Amar".

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' April 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April 2017**